

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-28 ta' Novembru 2013 — Ministre de l'Économie et des Finances vs Gérard de Ruyter

(Kawża C-623/13)

(2014/C 31/08)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministre de l'Économie et des Finances

Konvenut: Gérard de Ruyter

Domanda preliminari

Ġbir fiskali fuq id-dħul mill-patrimonju bħall-kontribuzzjoni soċjali fuq id-dħul mill-patrimonju, il-kontribuzzjoni għall-ħlas lura tad-dejn soċjali ibbażat fuq dan l-istess dħul, il-ġbir soċjali ta' 2 % u l-kontribuzzjoni addizzjonali għal dan il-ġbir, għandhom, minħabba s-sempliċi fatt li jipparteċipaw għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji Franċiżi ta' sigurtà soċjali, rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament [tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71], tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità⁽¹⁾ u b'hekk jidħlu fil-kamp ta' dan ir-regolament?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja) fit-3 ta' Diċembru 2013 — Skatteverket vs Hilka Hirvonen

(Kawża C-632/13)

(2014/C 31/09)

Lingwa tal-kawża: L-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Högsta förvaltningsdomstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteverket

Konvenut: Hilka Hirvonen

Domandi preliminari

L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li persuna li hija residenti fi Stat Membru ieħor — li kisbet it-totalità jew il-kważi-totalità tad-dħul tagħha fl-ewwel Stat Membru — jkollha d-dritt li tagħżel bejn żewġ skemi ta' taxxi li huma kompletament differenti, jiġifieri jew li tkun intaxxata permezz tat-taxxa fras il-għajn b'rata ta' taxxa iktar baxxa, iżda mingħajr ma tibbenefika mid-dritt għal tnaqqis fiskali li tinvolvi l-applikazzjoni ta' skema ordinarja ta' taxxa fuq id-dħul, jew li tkun intaxxata fil-kuntest tal-imsemmija skema ordinarja u għalhekk tkun tista' tibbenefika mit-tnaqqis fiskali inkwistjoni?

Appell ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2013 mir-Renju ta' Spanja mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fis-16 ta' Settembru 2013 fil-Kawża T-2/07, Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-641/13 P)

(2014/C 31/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Rubio González, aġent)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

— tilqa' l-appell u tannulla parzjalment s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013, fil-Kawża T-2/07, Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tannulla parzjalment, skont it-termini indikati preċedentement, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 5102, tal-20 ta' Ottubru 2006, li tnaqqas l-ghajjnuna finanzjarja mogħtija skont il-Fond ta' Koeżjoni lil grupp ta' proġetti bir-referenza 2001.ES.16.PE.050 u li tikkonċerna t-tindif tal-baċir idrografiku ta' Júcar (Spanja), sa fejn din tikkunsidra bħala irregolarità l-użu tal-esperjenza bħala kriterju għall-għoti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Żball ta' liġi fir-rigward tal-kunsiderazzjoni li l-użu tal-esperjenza bħala kriterju għall-għoti jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 30 tad-Direttiva 93/37⁽¹⁾. Din id-dispożizzjoni ma tipprojbixx l-użu ta' kriterji marbuta mal-esperjenza tal-kuntrattur fil-mument tal-għoti ta' kuntratt. Għall-kuntrarju, l-esperjenza tal-offerent tista' dejjem tiġi evalwata peress li huwa kriterju li ma